**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Antonio Mercieca

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 155/22/MS

29 ta' Marzu 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-21 ta' Ottubru 2022 fejn talab ir-rifuzjoni ta' mitejn euro (€200.00), depozitu li huwa hallas ghall-ordni ta' blinds, liema blinds qatt ma gew konsenjati min-naha tas-socjeta' intimata.

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma ghamlet l-ebda risposta u hadd ma deher meta hekk imsejjah biex jixhed.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xiehda tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fit-28 ta' Ottubru 2021 ir-rikorrent ghamel ordni ghal Venetian Blinds mis-socjeta' intimata u hallas depozitu ta' mitejn euro. Dawn kellhom jigu konsenjati fi zmień seba gimghat, pero r-rikorrent baqa' ma sema' xejn. Wara xahrejn u nofs beda jcempel biex jara x'sar mill-ordni, u ghalkemm ma kienx facli, meta irnexxielu jkellem ma xi hadd, ir-risposta kienet tkun li ser jigu bihom il-gimgha d-diehla jew inkella jwieghduh li ha jcemplu lura. Pero' r-rikorrent eventwalment induna li kienu qed ighadduh biz-zmien. Ir-rikorrent ghamel sajf shih u iktar jistenna dawn il-blinds jigu konsenjati. Fin-nuqqas u wara hafna stennija, qed jitlob ir-rifuzjoni tad-depozitu li huwa hallas.

Illi hadd mis-socjeta' intimata ma deher biex jixhed, u ghalhekk fin-nuqqas, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versioni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed ighid ir-rikorrent, li fic-cirkostanzi huwa verosimili u anke korroborat minn emails li gew

skambjati tramite Lorna Vella, fejn jidher car illi s-socjeta' intimata ammettiet illi kien hemm problema u accettat illi tirrifondilu d-depozitu.

It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax dwar l-attegjament tas-socjeta' intimata fil-konfront tar-rikorrent u anke fil-konfront ta' dan it-Tribunal, li jkompli jsahhah il-versjoni tar-rikorrent.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu sal-grad li trid il-ligi u ghalhekk it-talba tieghu ghandha tigi milqugha fl-intier taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna l-isocjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' mitejn euro (€200.00). Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D.

Arbitru